FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

25 ta' Jannar 2015

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Wiehed u Erbghin (41) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Wiehed u Erbghin (41) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet nhar **it-Tnejn 19 ta' Jannar 2015 fil- 5.30 pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Ambaxxatur Lokali taz-Zghazagh
10. Hmieg tal-Klieb
11. Tizjin tal-Milied fi Triq/Pjazza Sant'Anna
12. Appraisal tal-Impjegati tal-Kunsill
13. Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv
14. Gieh il-Floriana
15. Id-Dwal ta` Gnien il-Mall
16. Estimi Annwali 2015
17. Laqgha Annwali tal-Lokalita
18. St Patrick's Day
19. Jum il-Floriana
20. Programm ta Hidma 2012-2015
21. Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju
22. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Wiehed u Erbghin (41) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda wara materja nru 4.3.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-Erbghin (40) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Il-minuti tal-Laqgha Straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.9 (40) u saqsa jekk kinietx intalbet il-laqgha mal-Ministru Carmelo Abela minhabba li kienet ingibdet l-attenzjoni tieghu ghall-fatt li kien qed isir xoghol li mhux approvat. Is-Sindku qal li jekk dan kien minnu allura tali materja ghandha tigi kkunsidrata b'urgenza ikbar. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jitlob laqgha b'urgenza in vizta ta' dawn l-izviluppi.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 2.11 (40) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Sindku qal li hu kien tkellem mal-avukat Dr Martin Fenech xi jiem ilu u kien ghamillu premura sabiex imexxi fuq il-kaz li l-Kunsill ghandu pendenti ma' DJS Trading. Is-Sindku semma li xi jiem ilu kien hemm kaz simili ghal dan u rrimarka li kienu l-Pulizija li pprocedew kontra l-akkuzat u mhux il-parti l-ohra kif kien gie mitlub li jaghmel il-Kunsill mill-Pulizija. Is-Sindku qal li jekk jibqa' ma jsir xejn rigward din il-kawza mill-avukat sal-ahhar tal-gimgha allura kien ser jipproponi li l-Kunsill jitlob lil Dr Joseph Zammit sabiex ikompli din il-kawza. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.3 (40) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien sar kuntatt mas-Sur Ray Debono Roberts li ghandu jigi jigbor xi ritratti dik il-gimgha stess.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja li tirrigwarda l-gbir ta' skart industrijali u saqsa x'kien ser jigri meta jinqalghu kazijiet simili. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien inqala kaz dik il-gimgha stess fejn xi hadd tefa' tlettax-il xkora terrapin barra. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill ser ikollu jhallas iktar lill-kuntrattur sabiex dan ikun jista' jigborhom. Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jiftiehem somma fissa mal-kuntrattur kull sena sabiex ikun jista' jingabar l-iskart industrijali. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li tali decizjoni jaf tohloq abbuz. Il-Kunsill qabel li ghandu jevalwa dawn ic-cirkustanzi fuq bazi individwali.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 10.3 (40) u saqsa meta kien ser jiltaqa' l-Kunsill sabiex jiddiskuti l-iskema ta' parkegg residenzjali. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jiftiehem mal-kunsillieri l-ohra iktar tard dik il-gimgha sabiex issir din il-laqgha.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 11.4 (40) u saqsa jekk kienx gie kkuntattjat il-Perit rigward il-bankina ta' faccata tal-Grand Hotel Excelsior. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien ghadu ma kkuntattjahx izda ghandu jikkuntattjah dik il-gimgha stess.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 20.4 (40) u saqsa jekk kinietx intbaghtet ittra lill-ghaqdiet. Is-Sindku qal li fil-laqgha precedenti ma kienx hemm qbil li tintbaghat ittra lill-ghaqdiet lokali.

2.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.2 (40) u saqsiet jekk il-Kunsill kienx kellem lill-Perit dwar l-isleeping policeman li pproponiet. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien iltaqa' mal-Perit fuq il-post u urih fejn setghet issir. Huwa qal li hu kellu johloq disinn u jghaddih lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni quddiem Transport Malta.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi nforma lill-Kunsill b'materja serja li kienet inqalghet ricentement. Huwa qal li kien irrizulta li l-kuntrattur li kien qed jaghmel ix-xoghol tal-Kunsill gewwa z-zona ta' Balzunetta ma kienx kopert mill-Kundizzjonijiet u r-regolamenti ta` Transport Malta biex jaghmel ix-xoghol imsemmi.

3.1.1 Is-Sindku zied jghid li ghalhekk il-Kunsill kien gie ordnat minn Transport Malta jieqaf mill jkompli x-xogholijiet.

3.1.2 Huwa qal li minkejja li kienu saru diversi tentattivi biex jinstabu alternattivi sabiex il-kuntrattur ikun jista' jkompli b'xogholu, jirrizulta li kollu kien ta' xejn.

3.1.3 Is-Sindku kompla billi qal li kien avvicina lill-kuntratturi tat-tarmac Road Servicing Ltd. sabiex jara jekk humiex interessati jiehdu f'idejhom dan il-progett. Huwa qal li l-kumpanija kienet qablet bil-kundizzjoni li l-hlas isir skont ir-rati tat-Tender taghhom u dawk ta` Transport Malta.

3.1.4 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa kemm ser tkun id-differenza li ser ikollu johrog il-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li d-differenza ser tkun madwar €3500 iktar.

3.1.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kienu saru diversi tentattivi fejn il-kuntrattur prezenti kien iltaqa' ma' kuntratturi ohrajn li kellhom il-permess necessarju biex jipprova jintlahaq ftehim u x-xoghol ikun jista' jitkompla izda ma kienx intlahaq ftehim fl-ebda kaz.

3.1.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jekk il-Kunsill ma jiehux decizjoni malajr kif ser jitkompla x-xoghol, allura Transport Malta ghandha d-dritt li timpjega kuntrattur f'isem il-Kunsill u tobbliga lill-Kunsill jassorbi l-ispiza.

3.1.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-kuntratt li kellu l-kuntrattur Dion Galea kienx jispecifika li kienu jinhtiegu dawn il-permessi u l-licenzji biex ix-xoghol ikun jista' jsir. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li dawn kienu mnizzlin fil-kuntratt.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand is-Sur Noel Castillo sabiex il-banda li ser iddoqq matul iz-zmien tal-Karnival tinghata permess thalli l-istrumenti taghha fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk hux ser ikun hemm min jiftah u jaghlaq. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu ma jsibx oggezzjoni jaghtih ic-cavetta ladarba kien ser ikollu access ghall-ewwel kamra biss. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kumitat tas-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn offrew li l-Kunsill jorganizza b'mod kongunt maghhom serata muzikali fil-Knisja ta' San Publju fi Frar 2015. Il-Kunsill laqa' l-offerta' sabiex jorganizza din is-serata b'mod kongunt.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'konferenza stampa li nzammet dwar l-iskart riciklabbli mill-GreenMT. Huwa qal li l-Kunsill kien gie nkoraggut biex jiddeciedi li nhar ta' Gimgha ssir biss il-gabra tal-hgieg u mhux tal-iskart imhallat. Huwa qal li kien gie propost ukoll li nhar ta' Tlieta tinagabar biss il-borza l-griza u titnehha l-gabra tal-iskart imhallat. Dawnil-proposti kellhom l-ghan li jinkoraggixxu lin-nies biex jirriciklaw aktar. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-proposti u qabel li m'ghandux jilqa' dawn il-proposti.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq proposta minghand l-Agenzija Appogg fejn proponew li ssir tpingija mal-hajt li turi l-hajja u d-diffikultajiet socjali li jiltaqghu maghhom persuni b'dizabbilta'. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joffri li jiltaqa' mal-agenzija biex ikunu jistghu jigu diskussi dettalji bhall-post fejn ser isiru t-tpingijiet, ecc. Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li l-Kunsill jikkunsidra c-cint li hemm quddiem il-latrini fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V dejjem jekk dan huwa kbir bizzejjed ghal dak li ghandhom f'mohhom. Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa wkoll dak il-hajt li hemm fi Triq il-Fosos. Is-Sindku qal li ghandu jiltaqa' mal-agenzija u jissuggerixxi dawn il-proposti.

3.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill b'laqgha li kienet saret dwar progetti kapitali. Huwa qal li matul din il-laqgha kien hemm hafna suggerimenti fejn anke hu kien ippropona li jhoss li kien ahjar li l-Gvern Centrali izid somma mal-allokazzjoni diretta minflok dak propost.

3.6.1 Minkejja dan, kien gie deciz li l-kunsilli lokali ghandhom jipproponu progetti kapitali, fejn il-budget totali huwa ta' €1 miljun fuq il-Kunsilli Lokali.

3.6.2 Huwa qal li mhux necessarjament kull kunsill jinghata l-fondi ghall-progetti proposti.

3.6.3 Is-Sindku qal li hu kien ser jipproponi l-progett ta' Vjal ir-Re Dwardu VII fejn din iz-zona tigi rrangata kompletament bil-pavimentar u t-tisbih taz-zona.

3.6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jemmen li dan il-progett kien wiehed b'sahhtu specjalment meta wiehed jikkunsidra l-pozizzjoni u l-potenzjal tieghu. Huwa kompla billi ppropona li l-Kunsill japplika ghal progett iehor izghar sabiex ikollu cans akbar li jinghata fondi.

3.6.5 Is-Sindku qal li progetti ohra li l-Kunsill jista' jikkunsidra huma l-Monument tal-Ferrovija u l-Gnien ta' Herbert Ganado.

3.6.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jekk il-progett ta Vjal Ir-Re Dwardu jintlaqa', hemm spazju bizzejjed li jkun jista' jintuza ghar-reklamar. Huwa qal li l-Kunsill diga ghandu bye-law ghar-reklamar fuq barra u ghalhekk dan kien ser jiffacilita iktar il-process. Hemm Ukoll l-interess li titwaqqaf Kiosk, li tista tiggenera fondi.

3.6.7 Is-Sindku ippropona li l-kunsillieri jinghataw jumejn cans sabiex jipproponu progett iehor u f'kaz li ma jkunx hemm proposti godda allura l-Kunsill ghandu jipprocedi kif diskuss.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghalih huwa dispjacir kbir meta ma ssirx attivita' bhal Jum il-Housing ta din is-sena u qal li din kienet l-iktar legislatura li matulha gew ikkancellati attivitajiet u anke rrefera ghal Jum il-Floriana tal-2012 li ma kienx sar. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li Jum il-Floriana xorta wahda kienet saret. Is-Sindku qal li din ma kienetx saret izda kienu saru l-Konkorsi abbinati ma dan il-jum fix-xhur tas-sajf.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kienu tqassmu xi vouchers ta flus minn GreenMT lil residenti sabiex jinkoraggixxu li jibda jigi sseparat l-iskart.

3.8.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet biex darbohra r-residenti jkunu nformati li r-ritratti taghhom kienu ser jintuzaw u jigu ppublikati. Is-Sindku qal li l-kumpanija qalet li r-

residenti kienu nformati b'dan.

3.8.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien sar jaf b'din l-inizjattiva permezz tal-Facebook. Huwa qal li jinsab iddizappuntat li s-sottokumitat tal-indafa kien sar jaf qabel il-kunsillieri. Huwa qal li jkun apprezzat li kieku l-kunsillieri jkunu nformati qabel u mhux wara li jigi ppubblikat kollox.

**Nota: 18:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Europe for Citizens Projects fejn ipproponew li l-Kunsill jissottometti progetti dwar gemellaggi sa Marzu. Huwa qal li s-sena l-ohra l-Kunsill kien prova jissottometti progett izda kien hemm restrizzjonijiet minhabba z-zmien, minhabba li x-xewqa tal-Kunsill hija li dawn jigu ghaz-Zmien tal-Festa. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ma jippartecipax.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza fejn il-Kunsill gie mitlub jikkunsidra l-introduzzjoni tas-CVA fil-lokalita' immirata biex tikkontrolla livell ta emmisjonijiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mal-persuna kkoncernata sabiex ikun jista' jikkunsidra l-offerta' tieghu.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Fabian Mangion fejn ippropona li jigi ppubblikat ktejjeb dwar l-Isqof Mauro Caruana. Wara li saret diskussjoni, il-Kunsill qabel li ghandu jinformah li hu jaqbel fil-principju izda jista' jiehu d-decizjoni finali ladarba jara kemm ser tigi l-ispiza tal-pubblikazzjoni.

3.12 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk isirux riklami sabiex jinbieghu dawn il-pubblikazzjonijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jsiru riklami permezz ta Siti Socjali u siti ohra bla hlas.

3.12.1 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill jaghmel kuntatt ma' xi agenziji kbar tal-kotba sabiex jintlahaq ftehim ta' distribuzzjoni.

3.12.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li diga kien hemm ftehim m'agenzija dwar ktieb minnhom izda l-agenziji ma jaccettawx il-kotba kollha apparti li jkunu jridu wkoll profitt esagerat minn fuq kull ktieb.

3.13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li jittellghu ritratti fuq Facebook tal-ircevuti tal-flus migbura matul it-tournament u li ser jintbaghtu lill-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghal ritratt li gie uploadjat fuq il-Facebook rigward vandalizmu fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u saqsiet jekk kinietx ittiehdet azzjoni mill-Kunsill biexi s-sitwazzjoni tigi rrangata. Is-Sindku wiegeb li kienet ittiehdet azzjoni dalghodu stess.

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghal proposta li kienet ressqet biex issir sleeping policeman fi Triq il-Fosos u saqsiet jekk kienx hemm xi zvilupp. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li hu kien semma dan is-suggeriment lill-Perit tal-Kunsill li min-naha tieghu kien issuggerixxa li minflok, it-triq tinghata tarmac specjali li jkun high-grip. Huwa qal li kellu jibghat stima ghal dan ix-xoghol. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li din il-materja titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 18:31 Il-Kunsillier Edward Torpiano reġa' attenda għal-laqgħa.**

4.3 Il-Kunsillier Vincent Borg għamel riferenza għall-kotba li tħallew taħt it-taraġ u saqsa lis-Sindku għalfejn dawn kienu għadhom ma tneħħewx. Is-Sindku wieġeb li għandu jieħu ħsieb ineħħihom fil-granet li ġejjin. Il-Kunsillier Vincent Borg insista li dawn għandhom jitneħħew malajr speċjalment ladarba kienet mistiedna l-President ta' Malta dik il-ġimgħa.

**Nota: 18:33 Il-Viċi Sindku Matthew Paris attenda għal-laqgħa.**

4.4 Il-Kunsillier Vincent Borg għamel riferenza għal-laqgħa li kellha tinżamm mal-Authorised Officer u saqsa x'kien irriżulta. Is-Sindku wieġeb li hu kien tkellem mas-Sur Soler fejn anke talbu li l-Kunsill ikun infurmat meta jittieħdu deċiżjonijiet importanti bħal meta ġie deċiż li jibdew jintbagħtu gwardjani lokali fil-weekends. Huwa qal li kien talbu li l-Kunsill ikun infurmat dwar ċertu deċiżjonijiet sabiex ikun jista' jwieġeb id-domandi tar-residenti.

4.4.1 Is-Sindku qal li kien avviċina lis-Sur Soler dwar allegazzjoni li l-gwardjani lokali kienu qed jintalbu jilħqu kwota għaċ-ċitazzjonijiet li joħorġu. Huwa qal li s-Sur Soler kien innega li l-gwardjani kellhom kwota x'jilħqu.

4.4.2 Is-Sindku qal li kien innota li kemm ilha li saret ir-riforma, il-gwardjani lokali kienu qed jintbagħtu iktar ta' spiss f'żoni fejn jistgħu jagħtu ammont kbir ta' ċitazzjonijiet u li kien barra miż-żona residenzjali. Huwa qal li dan kien itellef mill-iskop u l-oġġettivi li kellu l-Kunsill, jiġifieri lil l-gwardjani lokali jissorveljaw l-iskema ta parkeġġ residenzjali.

4.4.3 Huwa qal li minkejja dak li kien jingħad li r-riforma ser twaqqaf lill-gwardjani lokali milli jagħtu ċitazzjonijiet biss, jidher li l-affarijiet ma marrux aħjar mir-riforma lil hawn speċjalment ladarba dawn kienu qed jintbagħtu f'żoni fejn setgħu joħorġu ammont kbir ta' ċitazzjonijiet fuq kontravenzjonijiet tat-traffiku.

4.4.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien iddiżappuntat bil-mod kif kienu qed isiru affarijiet fejn f'każ minnhom ġiet imħarrka residenta sakemm daħlet fl-uffiċċju tal-Kunsill tbiddel il-permess tal-iskema ta' parkeġġ residenzjali. Huwa qal li dan sar minkejja li l-gwardjan lokali jaf li l-persuna hija residenta u mingħajr ma ingħata ċans adegwat biex din tbiddel il-permess.

4.4.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili semmiet ukoll żewġ każijiet oħra fejn persuna tħarrket fuq il-ħin minkejja li kellha l-permess tal-iskema u ieħor li tħarrek li ma kellux liċenzja mwaħħla mal-windscreen minkejja li kienet hemmhekk u kellu ritratt x'juri.

4.4.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li meta jkun hemm każijiet bħal dawn, għandhom jgħaddu direttament lill-Authorised Officer sabiex jinvestiga u jieħu azzjoni.

4.4.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jittama li l-gwardjani lokali għadhom jieħdu ritratti tal-windscreens qabel ma jħarrku fuq każijiet simili u dan sabiex jiffaċilita l-process tal-verifika.

4.4.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li meta darba talbet li tara ritratt relatat ma' ċitazzjoni maħruġa, irriżulta li ma setgħux jipprovduh.

4.4.9 Is-Sindku qal li dik il-ġimgħa stess kien diġà ġibed l-attenzjoni tal-gwardjani lokali sabiex ma jerġgħux jitlajjaw għall-ħin twil f'ristoranti/bars fil-lokalita'.

4.4.10 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien ġie avviċinat sabiex jitlob li jitwaqqaf is-servizz tas-6.30am mill-gwardjani lokali u li dan is-servizz isir biss fis-Sajf minħabba li fix-Xitwa kien diffiċli

taghti citazzjonijiet. Huwa qal li kien informa lill-gwardjani lokali li l-iskop ma kienx biss li jinghataw citazzjonijiet tat-traffiku u minbarra dan, kien hemm bzonn li jduru iktar ghall-kontravvenzjonijiet bhall-hmieg tal-klieb, rimi ta skart, etc.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal-laqgha li nzammet mas-Sur Joe Attard fejn offrew li ssir zjara lil kull hanut/bar/kafetterija fil-lokalita' sabiex jedukawhom kif jista' jizdied ir-riciklagg tal-hgieg u anke jaghtuhom konteniturі apposta.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li kienu lesti biex issir pjan t'azzjoni sabiex in-nies ikunu mhajjrin jirriciklaw l-iskart.

5.3 Huwa qal ukoll li kien hemm proposta li jsiru tliet skips ghall-hgieg u li l-Kunsill kien gie mitlub jissuggerixxi siti fejn dawn setghu isiru. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghandu jara kif inhuma l-konteniturі sabiex ikun jista' jiddeciedi zoni adattati fejn dawn jistghu jitpoggew.

5.4 Is-Sindku qal li kien hemm ukoll proposta biex issir kampanja ta' tindif is-Sibt 4 t'April 2015. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

5.5 Huwa qal ukoll li l-gbir tal-hgieg kien ser jibda jsir mis-6 ta' Frar u kull gimgha wara.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 100-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser ikun qed jastjeni minn pagament nru 24 minhabba kunflitt t'interess.

7.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12439 sa 12477 u Chekk nru 91 sa cekk nru 115, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, ET, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv saqsa lill-Kunsill jekk hux ser jikkonsidra jbiddel il-printer tal-kamra tal-kunsillieri.

7.5.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kienx vijabbli tirranga dik prezenti izda s-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kienx jaqbel.

7.5.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li tinxtara printer u scanner zghira ladarba din xorta wahda ma kinietx tintuza.

7.5.3 Il-Kunsill qabel li ghandha tingieb kwotazzjoni ghall-printer simili ta' dik ezistenti sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkunsidra l-alternattivi tieghu.

**Nota: 18:54 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni ghall-implimentazzjoni ta' sistema ta' guard & patrol sabiex il-Kunsill ikun jista' jkollu moniteragg ahjar fuq jekk il-bibien tal-gonna jkunux qed jinghalqu. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi bil-kwotazzjoni pprezentata.

7.7 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni draft tas-sejha tal-offerti ghall-esklussivita' tal-bejgh ta' ikel u xorb ghal-matul il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar ta l-Art Mekkanizzat. Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kienx hemm minimu ghall-offerta'. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-minimu kien ta' €1000. Il-Kunsill approva d-draft.

7.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li jigi rrangat il-Wi-Fi tal-Kunsill ladarba dan ma kienx qed jaqbad mill-kmamar ta' barra u specjalment mill-kamra tal-kunsillieri. Il-Kunsill qabel li ghandha tittiehed azzjoni biex il-konnessjoni tigi rrangata.

**Nota: 18:57 Is-Sindku rega' attenda ghal-laqgha.**

7.9 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li bhal kull sena kien wasal iz-zmien li l-Kunsill ibiddel il-bozoz tad-dawl ta' Triq Sant'Anna li jkunu inqatghu.. Huwa ssuggerixxa li dis-sena, jinbidlu il-bozoz kollha u jsiru LED ladarba l-Kunsill kien diga nvesta f'bozoz tat-tip, u dawk antiki ghandhom konsum hafna iktar gholi. Il-Kunsill qabel mal-proposta ladarba l-ispiza ser tkun vijabbli in vista tal-konsum tal-Kunsill.

7.10 Is-Segretarju Ezekuttiv saqsa jekk il-Kunsill kienx ra il-Bill of Quantities tat-tender tal-gonna, latrini u subways. Il-Kunsill approva id-dokument.

7.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-Kunsill iridx jikkunsidra li jbiddel il-wiring tas-sistema tad-dawl tat-toroq u jekk jikkunsidrax japplika ghal dan bhala progett kapitali. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv qalu li huma kien tal-impressjoni li tali xoghol ma kienx responsabbilta' tal-Kunsill izda tal-Enemalta. Il-Kunsilliera Sammut Hili talbet li l-Kunsill jitkellem ma' kunsilli lokali ohra dwar x'isir f'dan ir-rigward.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Ambaxxatur Lokali taz-Zghazagh

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien ghamel avviz biex jilqa' applikazzjonijiet ghal Ambaxxatur Lokali taz-Zghazagh izda ma kien ircieva l-ebda applikazzjoni.

9.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jikkunsidra lis Sinjorina Michaela Farrugia ghal din il-kariga.

9.3 Il-Kunsill approva din in-nomina b'maggoranza. Il-Vici Sindku Matthew Paris astjena mill-vot minhabba li ma kienx jaf min hi s-Sinjorina Farrugia.

## 10.0 Hmieg tal-Klieb

10.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li jidher li ma kien hemm xejn pendenti x'jigi diskuss f'din il-materja.

10.2 Il-Kunsillier Vincent Borg rega' semma t-talba tal-gwardjani lokali biex is-servizz ma jibqax jinghata fis-6.30am. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx ladarba l-Kunsill kien ghadu jircievi ilmenti dwar il-hmieg tal-klieb mir-residenti. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta.

## 11.0 Tizjin tal-Milied fi Triq/Pjazza Sant'Anna

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien hemm bzonn li jinbidel it-tizjin kollu tal-Milied fi Triq/Pjazza Sant'Anna.

11.2 Huwa qal li t-tizjin li hemm bhalissa jidher li ma jiflahx ghall-elementi ta' barra minhabba l-hsarat li qed ikollu ta sikwit.

11.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris qas li f'lokalitajiet ohra t-tizjin tal-Milied jinbidel kull sena minhabba li tinhareg sejha ghal tizjin gdid b'mod annwali.

11.4 Is-Sindku qal li dan sar anke fil-floriana fis-snin li ghaddew izda l-ispiza kienet qed tizdied kull sena b'mod sostanzjali.

11.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti lill-ghaqdiet lokali u li kull sena tinhareg sejha ohra.

11.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien tkellem ma' kunsilli lokali ohrajn u jirrizulta li dan ma kienx vijabbli.

11.7 Is-Sindku qal li hu kien infurmat li l-kuntratturi qed irahsu l-prezzijiet allura l-Kunsill kellu jikkunsidra li johrog sejha ghall-offerti biex isir l-armar.

11.8 Is-Sindku kompla billi qal li t-tizjin li hemm bhalissa ma kienx vijabbli li tirrangah u ghalhekk il-Kunsill ghandu jiehu decizjoni kif ser jipprocedi.

11.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jekk il-Kunsill ma kienx ser jirranga dan it-tizjin, ma jaqbilx li ghandu jintrema u ppropona li l-Kunsill johrog sejha ghall-ghaqdiet lokali li jkunu interessati johduh u jirrangawh bil-kundizzjoni li jikkommettu ruhhom li jarmaw il-faccata jew iz-zona taghhom.

11.10 Il-Vici Sindku kompla billi qal li hu jhoss li ladarba din il-legislatura kienet waslet fi tmiemha, allura jkun ahjar li din id-decizjoni tittiehed mill-kunsillieri tal-legislatura-il gdida ladarba m'hemmx urgenza straordinarja. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg qalu li huma jaqblu mal-opinjoni tal-Vici Sindku.

11.11 Is-Sindku qal li l-Kunsill-il gdid ghandu l-facilita' li jwaqqa' kwalunkwe decizjoni mehuda mill-Kunsill ta' din il-legislatura wara tliet xhur.

11.12 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-istilla li jkun jislef lid-Dar tal-Anzjani ghal zmien il-Milied. Huwa ppropona li l-Kunsill jaghtihilom ladarba din qed tintuza minnhom biss u b'mod

annwali. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghalkemm il-mod kif kien isir ma kienx necessarjament prattiku, minkejja dan jekk din l-istilla kienet fl-inventarju tal-Kunsill u mnizzla bhala assi, din ma setghetx tinghata lil haddiehor bhala donazzjoni. Pero Jekk il-Kunsill kien semplicment qed izommilom, jistaw jehduha.

## 12.0 Appraisal tal-Impjegati tal-Kunsill

12.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah il-materja billi ta r-rakkomandazzjonijiet tieghu.

12.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-approvazzjoni li jinghata performance bonus ta' 6% lill-impjegat Alfio Sciberras, issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, DSH, VB, NH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-approvazzjoni li jinghata performance bonus ta' 6% lill-impjegata Patricia Borg, issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, DSH, MP, NH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-approvazzjoni li jinghata performance bonus ta' 6% lill-impjegata Emmanie Borg Bonaci, issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, DSH, MP, NH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris favur l-approvazzjoni li jinghata performance bonus ta' 6% lill-impjegat Godwin Azzopardi, issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (MP, DSH, VB, NH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien iddizappuntat minhabba n-nuqqas ta' handover u performance li nghata mill-impjegata Fiona Said u anke minhabba li hu kien gie moghti impressjoni li kien sar certu xoghol li ma kienx fil-fatt sar. Huwa qal li minhabba dawn ir-ragunijiet ma setax jipproponi li jinghata performance bonus full u rrakkomanda li jinghata performance bonus ta' mhux aktar minn 3%.

12.5.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li minkejja li nnota dak li kien qed jinghad mis-Segretarju Ezekuttiv izda ladarba s-Sinjorina Fiona Said ma kinietx ghadha impjegata mal-Kunsill, ma jhossx li kien hemm ghalfejn jitnaqqas il-performance bonus, u anki ghax il-gustizzja titlob li

tinstema il- qanpiena tas-sinjorina Said.

12.5.2 Il-Kunsillier Vincent Bog qal l-performance bonus jinghata kull sena a bazi tal-performance tal-impjegat matul is-sena li tkun ghaddiet u ma kienx jirrifletti l-performance tas-snin ta' qabel.

12.5.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien bat kopja tal-performance appraisal lill-impjegata li sussegwentement ratu u ffirmatu.

12.5.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni sabiex jinghata performance bonys ta' 3% lill-impjegata Fiona Said, issekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili.

12.5.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kontro mozzjoni sabiex jinghata performance bonus ta' 6% lill-impjegata Fiona Said, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano.

12.5.6 Wara li ttiehed vot favur il-kontro mozzjoni, ir-rizultat kien hekk:

Favur: 3 (NH, ET, MP)
Kontra: 2 (DSH, VB)
Astensjonijiet: 0

12.5.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li tali decizjoni kienet taghti lok ghal abbuz u ma kinietx gusta fuq l-impjegati l-ohra li taw l-ahjar taghhom matul is-sena li ghaddiet. Il-Kunsillier Vincent Borg qabel mal-Kunsilliera Sammut Hili u qal li dan ma kienx jirrifletti sew fuq l-impjegati l-ohra.

12.5.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill kien dejjem ta performance bonus full lill-impjegati tieghu izda dan ma jfissirx li kulhadd kien perfett.

12.5.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili argumentat li dan ma kienx sew u li jekk impjegat ma jkunx ghamel xogholu jew sforz, ma kellux jigi moghti performance bonus full xorta wahda.

12.5.10 Is-Segretarju Ezekuttiv wera d-dizapprovazzjoni teighu, u rrimarka li din hija ingusta fuq min ghamel sforz u ta rizulat ta xoghol.

## 13.0 Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv

13.1 Is-Sindku fetah il-materja billi qal li hu kien ser jipproponi li s-Segretarju Ezekuttiv jinghata performance bonus ta' 10%.

13.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland favur l-approvazzjoni li jinghata 10%, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, VB, DSH, ET, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 14.0 Gieh il-Floriana

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qal li hu kien qed jipproponi li jinghataw lil Profs Salvino Busuttil u lil haddiehor, ghax f'dawn l-ahhar xentejn dan il-premju ma inghatax, u dan biex tinzamm it-tradizzjoni li ta' kull sena jinghata Gieh il-Floriana lil xi hadd.

14.2 Huwa ppropona jinghata wkoll il-premju Gieh il-Floriana lil Dun Pawl Camilleri.

14.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-premjijiet jinghataw matul ir-riceviment annwali nhar il-21 ta' Jannar 2015. Is-Sindku qal li d-data kienet wisq vicin u ghalhekk jahseb li jkun ahjar li dawn jinghataw f'Jum il-Floriana.

14.4 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu u qabel ukoll li l-premjijiet ghandhom jinghataw f'Jum il-Floriana.

## 15.0 Id-Dwal ta` Gnien il-Mall

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qal li minkejja li kien rega' kiteb lill-Ministru Joe Mizzi, kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta.

15.2 Huwa talab lill-Kunsillier Vince Borg isegwi din il-materja.

15.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li din il-materja issa hija intollerabbli u karkret wisq. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lil lil Prim Ministru.

15.4 Huwa kompla billi qal li kien ircieva telefonata minghand is-Sur Tony Amaira dwar il-fanali ornamentali ta' Pjazza San Publju fejn informah li l-materja kienet ghaddiet lilu. Is-Sindku qal li hu kien spjegalu l-oggezzjonijiet kollha u qed jittama li wara dan, kienet ser tinstab soluzzjoni ghas-sitwazzjoni tal-Fosos.

15.5 Is-Sindku talab lil Kunsilliera Davina Sammut Sammut Hili sabiex issegwi ftit din il-materja.

## 16.0 Estimi Annwali 2015

16.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah il-materja billi spjega fil-qosor l-Estimini Annwali ghas-sena 2015.

16.2 Is-Sindku qal li kien qed jigi pprogettat li l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill ser tkun wahda ahjar. Huwa kompla billi rringrazzja lil kull min ta l-ghajnuna tieghu f'dan ir-rigward u specjalment lis-Segretarju Ezekuttiv li grazzi ghalih is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienet qed terga' tmur ghall-ahjar.

**Nota: 19:38 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

16.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fadal xi flus li jistghu jigu investiti fil-kapital.

16.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-estimi annwali kienu qed jinkludu wkoll fondi li ghandhom jigu mill-Awtorita' tad-Djar kif ukoll mill-GARDMED.

16.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li jibda' jsir interim budget kull sitt xhur. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan kien diga jsir kull kwart.

16.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-estimi annwali ghandhom jigu approvati wara li tinzamm il-laqgha tal-lokalita'.

**Nota: 19:43 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

## 17.0 Laqgha Annwali tal-Lokalita'

17.1 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-laqgha annwali tal-lokalita' tinzamm nhar it-Tnejn 2 ta' Frar fis-7.30pm.

**Nota: 19:45 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 18.0 St Patrick's Day

18.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ressaq il-proposta tal-kumitat organizzattiv fejn spjega fuq fuq x'kien qed jigi propost.

18.2 Huwa qal ukoll li kienu f'tahdidiet mal-Irish Maltese Circle li dakinhar ikollom parata ta' St patrick's Day l-Belt Valletta u kienet qed tigi diskussa l-possibilta li dawn jispiccaw fil-Floriana.

18.3 Is-Sindku qal li l-attivita' ser tissemma St Patrick's SunDay ghax ser issir il-Hadd ta qabel St Patrick's Day propja.

18.4 Is-Sindku qal ukoll li kien informahom li l-ammont allokat mill-Kunsill ghal din l-attivita' kien limitat u ghalhekk kien ser ikun hemm bzonn li l-kumitat isib kontribuzzjonijiet minn entitajiet ohra.

18.5 Is-Sindku ressaq proposta li stante ghall-fatt li l-Kunsill ma kienx organizza l-attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena, johrog €2000 flok €1500. Il-Kunsill approva.

## 19.0 Jum il-Floriana

19.1 Is-Sindku fetah il-materja billi qal li bhal kull sena, kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jipproponi personalitajiet sabiex jigu onorati f'Jum il-Floriana.

19.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fakkret lill-Kunsill sabiex jistieden lill-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh il-gdid ghar-Riceviment Annwali tal-21 ta' Jannar 2015.

19.3 Is-Sindku ppropona li l-personalitajiet ikunu Patri Pietru Mamo, Sammy Galea, Noel Galea Bason, Pearl Haber, Franco Navarro u Dione Cassar.

19.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jikkunsidra lil Ylenia Carabott li kienet rebhet kampjonat mal-Hibernians FC.

19.5 Il-Kunsill qabel li l-personalitajiet ghal din is-sena ghandhom ikunu:

Patri Pietru Mamo, Sammy Galea, Noel Galea Bason, Pearl Haber, Ylenia Carabott u Dione Cassar.

19.6 Is-Sindku qal li hu kien ser jipproponi attivita' li tinzamm il-Hadd filghaxija f'Jum il-Floriana u nforma li kien ser jaghti iktar dettalji lill-kunsillier fil-laqgha li jmiss.

## 20.0 Programm ta Hidma 2012-2015

20.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien gab kwotazzjoni kif mitlub mill-Kunsill ghall-ktieb A5 li jkun

jikkonsisti minn 48 pagna bla kulur u sittax-il pagna bil-kulur.

20.2 Is-Sindku qal li hu jippreferi li l-ktieb ikun A4 ghax ikun hafna aktar legibbli anke jekk ikun jikkonsisti minn inqas faccati.

20.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-kwotazzjoni ghal dan kienet tammonta ghal €1522.50 ghal 1500 kopja.

20.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi thoss li dan kien hela ta' flus specjalment ladarba tali kotba kienu jigu injorati jew jinxtehtu fuq l-ghatba tal-bieb.

20.5 Is-Sindku ppropona li jitnehhew il-pagni tal-kulur minn gewwa u tithalla biss il-faccata kkulurita u dan sabiex tonqos l-ispiza.

20.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien lest jikkunsidra dan il-ktieb bil-kundizzjoni li d-disinn li jkollu jkun isbah minn dawk precedenti.

20.7 Il-Kunsill qabel li terga' tingieb kwotazzjoni ohra ghall-ktieb A4 minghajr pagni bil-kulur u b'inqas faccati.

## 21.0 Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju

21.1 Din il-materja kienet diga giet diskussa f materja nru 15.0.

## 22.0 Aġġornament tal-laqgħa

22.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 16 ta' Frar 2015 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fit-20.20.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv